# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 1435/2021 NC**

**Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi**

**vs.**

**Malta Union of Teachers u Union of Professional Educators**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis 14 ta' Ottubru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (*a fol.* 3 *et seq.*) ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2021 fejn ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli:

*"joħorġu u jordnaw l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe direttiva jew azzjoni industrijali oħra li tfixkel id-deployment ta' edukaturi fi skejjel, jew xort'oħra tfixkel il-funzjonament seren ta' l-iskejjel u l-provvista ta' servizzi edukattivi fl-iskejjel f'Malta issa li tibda s-sena skolastika".*

Rat id-Digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversament preseduta (*a fol.* 4 *et seq.*) fl-24 ta' Settembru 2021 fejn il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament, ordnat notifika tar-Rikors bi żmien għar-Risposta u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tat-28 ta' Settembru 2021.

Rat ir-Risposta tal-intimata Malta Union of Teachers (*a fol.* 17 *et seq.*) ippreżentata fis-27 ta' Settembru 2021 fejn l-intimata msemmija opponiet għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet hemm elenkati.

Rat ir-Risposta tal-intimata Union of Professional Educators (*a fol.* 44 *et seq.*) ippreżentata fis-28 ta' Settembru 2021 fejn l-intimata msemmija opponiet għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet hemm elenkati.

Rat illi r-Rikors odjern ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta b'"Assenjazzjoni Ta' Kawża Wara Astensjoni Jew Rikuża" mogħtija mis-S.T.O. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti fis-6 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 53) u dan sar wara astensjoni ta' żewġ Imħallfin.

Semgħet, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi l-għan ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lil parti li titlob il-ħrug tal-mandat. Bil-liġi jeħtieġ li biex ir-rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak, huwa għandu juri s-segwenti:

- li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti ser isofri preġudizzju;

- li r-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.

Dawn l-elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak. *In oltre* huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat, il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' dak li ngħad hawn fuq huwa ċar u ben stabbilit. Il-Qorti tenfasizza illi kull eżami li tagħmel hi f'dan l-istadju jibqa' limitat għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi l-vertenza fil-mertu tibqa' riżervata għal dik il-Qorti li eventwalment tiġi adita bil-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi għalkemm huwa minnu li fi stadju ta' Mandat ta' Inibizzjoni din il-Qorti jeħtiġielha li tagħmel biss eżami *prima fac*ie tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti dan ma jfissirx li l-Qorti għandha toqgħod fl-għama sempliċement fuq dak li ddikjaraw ir-rikorrenti mingħajr ebda ombra ta' prova.

Illi permezz tar-Rikors odjern ir-rikorrenti jsostnu li bil-ħruġ tal-mandat *de quo* se jiġi garantit li ma jinħarġu ebda direttivi jew miżuri lill-gradi tal-għalliema li min-natura tagħhom jistgħu jisfrattaw il-ftuħ ta' l-iskejjel u l-provvista' ta' servizzi edukattivi lill-istudenti kollha fl-iskejjel kollha, inkluż bid-*deployment* tar-riżorsi umani.

Illi filwaqt li fir-Risposta tagħha, l-intimata Malta Union of Teachers tisħaq li la fehmet id-dritt vantat mir-rikorrenti u anqas ma kienet għadha għarfet l-preġudizzju irrimedjabbli, da parte tagħha l-intimata Union of Professional Educators issostni li r-rikorrenti m'għandhomx jedd *prima facie* x'jikkawtelaw u lanqas ma huma ser isofru preġudizzju irrimedjabbli.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tagħhom ir-rikorrenti:

- isostnu li l-iStat huwa obbligat li joffri edukazzjoni lit-tfal skont Artikolu 10 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikoli 4 u 43 ta' Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta;

- jagħmlu riferenza għall-Artikoli 10 u 11 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta u jsostnu lid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi huwa responsabbli dwar kif ir-riżorsi umani jiġu allokati fl-iskejjel u huwa responsabbli wkoll għall-operazzjoni u funzjoni effettivi ta' l-iskejjel;

- jagħmlu riferenza wkoll għall-Artikolu 22 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħqu li huwa l-Ministru ta' l-Edukazzjoni li huwa mogħni bir-responsabilita' li fejn l-iStat għandu dritt jew obbligu sa fejn jeħtieġ it-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, partikolarment l-obbligu ta' l-iStat taħt Artikolu 4(b) biex tiġi assigurata sistema ta' skejjel li jipprovdu edukazzjoni sħiħa.

Illi l-Qorti tikkondividi ma' dak li ngħad mir-rikorrenti fir-Rikors tagħhom meta ngħad is-segwenti:

> *"Illi bħall-kumplament tad-dinja, Malta għadha qiegħda taffaċja pandemija globali konsegwenza tal-virus tal-COVID-19;*
>
> *Illi dan il-virus ħalla sfreġju tant li mhux biss ġew imfixkla diversi industriji iżda ġiet imfixkla l-ħajja tagħna ta' kuljum, minn kull aspett;*
>
> *Illi n-natura tal-virus tal-COVID-19 tirrikjedi illi l-istandards maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika jiġu evalwati b'mod kostanti minn żmien għall-żmien u skont in-neċessitajiet taż-żmien u kif ukoll bi pjanar lejn il-possibilita' li jista' jkun hemm żieda fin-numri ta' każijiet li terġa twassal għall-aktar restrizzjonijiet."*

Illi minkejja dan, filwaqt li l-Qorti tinnota li Artikoli 4, 10, 11, 22 u 43 tal-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta li jsiru riferenza għalihom fir-Rikors ġew imħassra b'Avviż Legali 373 tal-2021, il-Qorti tinnota li hemm differenza bejn obbligu u dritt. Il-fatt li persuna hija obbligata li tagħmel xi ħaġa ma tagħtix dritt lilha li tagħmel dak kollu li jidhirlha li għandha tagħmel sabiex tissodisfa l-obbligazzjoni tagħha. Fis-sitwazzjoni preżenti huwa rikonoxxut dak li l-iStat huwa obbligat li jagħmel fir-rigward tal-edukjazzjoni pero' fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi wkoll l-prinċipju illi *union* għandha kull dritt li toħrog direttivi u ma titneħħiliex il-funzjoni ewlenija tagħha, u ċioe' dik li tħares il-jeddijiet tal-membri tagħha fl-interess tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad minn din il-Qorti kif diversament preseduta f'digriet mogħti minnha fl-4 ta' Awwissu 2016 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1038/2016 fl-ismijiet **Air Malta plc vs. Airline Pilots Association (Malta) (ALPA) et** fejn ingħad is-segwenti:

> "Illi minn eżami tar-riżultanzi fuq sintetikament esposti għandu jkun paċifiku li dak li s-soċjeta' rikorrenti qegħda titlob mill-intimati – senjatament li tinibihom milli jaġixxu fil-liberta' fil-limiti tal-ftehim kollettiv *de quo* u tal-Kap. 452 fuq riferit – effettivament imur lil hemm mil-limiti tal-liġi industrijali u jistraripa fil-limiti ferm aktar serji u onerużi tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-intimati naxxenti mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni.
>
> […]
>
> Illi kieku dak mitlub mis-soċjeta' rikorrenti jiġi avallat, ikunu qed jitpoġġew limitazzjonijiet serjissimi fuq id-drittijiet fundamentali tal-intimati liema limitazzjonijiet ma jsibu l-ebda skontru fil-liġijiet *de quo* u għalhekk, ma jistgħux jintlaqgħu".

Illi l-Qorti tagħmel tagħha l-insejament tal-Qorti kif diversament preseduta f'digriet mogħti minnha fl-10 ta' Lulju 2020 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 827/2020 fl-ismijiet **Malta Air Traffic Services (MATS) Limited vs. Malta Air Traffic Controller's Association (MATCA)** fejn ingħad is-segwenti:

> "Jibda biex jingħad illi s-servizz soġġett għal dan il-mandat hu wieħed essenzjali u għalhekk ma jistax jitwaqqaf. Daqstant ieħor hu prinċipju rilevanti illi *trade union* għandha kull dritt li toħrog direttivi speċjalment fejn ġia hemm avviż ta' tilwima industrijali u ma titneżżax mill-funzjoni ewlenija tagħha li tħares il-jeddijiet tal-membri tagħha fl-interess tagħhom sakemm mhux għal raġunijiet gravi jew serji.
>
> Is-soċjeta' rikorrenti qed tipprova trażżan lil Union milli tieħu kwalsiasi azzjoni ulterjuri wara l-avviż li ngħata ta' tilwima f'isem il-membri tagħha biex ix-*shift* jerġa' jmur lura għal dak li kien qabel il-miżuri fil-bdil tax-*shift* maqbul bejn il-partijiet b'konsegwenza tal-Covid 19." [emfażi miżjuda]

**Ikkunsidrat**

Illi waqt is-smiegħ tas-sottomissjonijiet saret riferenza għal digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversament preseduta ftit tal-jiem ilu, *ossia* fil-11 ta' Ottubru 2021, liema digriet ingħata in segwitu ta' talba għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1400/2021 fl-ismijiet **Direttur Ġenerali fi ħdan l-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa vs. Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN)**. Wara li l-Qorti diversament preseduta kkonkludiet is-segwenti:

> *"Wara li l-Qorti qieset il-provi mressqa mill-partijiet dwar l-effetti tad-direttivi tal-MUMN mertu ta' dawn il-proċeduri tqis illi r-rikorrenti rnexxielha tipprova illi d-direttivi tal-MUMN lid-DST's prima facie jpoġġu s-saħħa, u f'ċerti każi il-ħajja, tal-pazjent fil-perikolu",*

il-Qorti deċidiet, fost l-oħrajn is-segwenti:

> *"2. Tiddikjara illi jirriżulta prima facie li d-direttivi tal-MUMN tas-6 ta' Settembru 2021 u tas-17 ta' Settembru 2021 lid-Decontamination Sterilising Technicians (DST's) jistgħu jkunu ta' perikolu għas-saħħa tal-pazjenti u għalhekk qed tilqa' in parte r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in kwantu dan jirreferi għad-direttivi msemmija tal-MUMN lid-Decontamination Sterilising Technicians (DSTs)."*

Illi filwaqt li d-digriet hawn fuq kwotat jikkonċerna s-saħħa, id-digriet odjern jikkonċerna l-edukazzjoni. Il-Qorti tifhem li kemm is-saħħa u kif ukoll l-edukazzjoni huma importanti għal kwalunkwe persuna pero' dak li ngħad fid-digriet kwotat mhux bilfors għandu japplika għad-digriet odjern u dana *stante* li fejn tidħol saħħa, il-perikolu huwa ferm aktar gravi u rrimedjabbli milli fejn tidħol l-edukazzjoni!

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti mhijiex sodisfatta li r-rikorrenti effettivament għandhom il-jedd *prima facie* li jivvantaw li għandhom. Ma' dan il-Qorti żżid li b'hekk isegwi li anqas m'għandu jirriżulta li hemm xi jeddijiet x'jitħarsu. Fin-nuqqas ta' dawn ir-rekwiżiti, il-Qorti diġa' għandha bażi illi fuqha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, pero' il-Qorti żżid ukoll li r-rikorrenti anqas ma' rnexxielhom jippruvaw l-preġudizzju irrimedjabbli bl-azzjoni tal-intimati. Dan jingħad fid-dawl tal-fatt illi:

> "Mandat ta' inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istħarriġ li jrid isir mill-Qorti f'talba bħal din huwa dak, jekk mingħajr il-ħruġ tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli" [**George Camenzuli vs. Awtorita' għat-Trasport f'Malta et**, Qorti Ċivili – Prim'Awla, 20 ta' Ġunju 2019.]

Illi l-Qorti rat li f'każ li dan il-mandat jiġi milqugħ huma l-jeddijiet tal-intimati li ser jiġu gravament milquta u mhux bil-kontra. Ikun għaqli li l-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad minn din il-Qorti kif diversament preseduta fi provediment mogħti minnha fit-18 ta' Lulju 2008 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 976/2008 fl-ismijiet **L-Avukat Dottor John Ludovic Gauċi *noe* vs. Id-Direttur tal-Kuntratti**, f'liema provediment ingħad is-segwenti:

> "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (*arm twisting*) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tagħha tal-24 ta' Settembru 2021 u tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1435/2021 fil-konfront tal-intimati.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**